VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 161 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 136 tal-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika mill-1 ta' Ottubru, 2011 'il quddiem.

3. Ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika mis-27 ta' Jannar, 2012 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' ħames snin u għandu jkun maqsum f'żewġ partijiet: il-Kors Pre-Clinical mifrux fuq medda ta' sentejn u l-Kors Clinical mifrux fuq medda ta' tliet snin.

(2) Ħlief bil-permess tal-Bord, l-istudenti għandhom isegwu l-Kors mingħajr interruzzjoni jew ripetizzjoni. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jinterrompu l-istudji tagħhom darba waħda biss matul il-Kors. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti

jirrepetu sena darba f'kull wahda miż-żewg partijiet tal-Kors."

Iż-Żieda tar-regolamenti 10 u 11 mar-regolamenti prinċipali

5. Ir-regolamenti 10 u 11 li ġejjin għandhom jiżdiedu wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"Il-Konsegwenza tal-Irtirar mill-Kors

10. Mis-sena akkademika 2010/11, meta student jirreżenja mill-Kors, jew b'għażla jew għax ma jkunx eliġibbli biex jkompli bl-istudji tiegħu skont dawn ir-regolamenti, u jkun temm b'suċċess l-ekwivalenti ta' tliet snin studju *full-time*, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B. Gen. St.). L-istudenti li ma temmewx il-programm kollu tal-grad qabel is-sena akkademika 2010/11 u li jissodisfaw il-provvedimenti ta` dan ir-regolament għandhom id-dritt li jitolbu, meta jidħol fis-seħħ dan ir-regolament, li jingħataw il-grad ta' Bachelor in General Studies mingħajr preġudizzju u *ex gratia*, sakemm li dan il-grad ma jingħatax retroattivament.

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-grad ta' Bachelor in General Studies għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-ewwel tliet snin tal-Kors, b'kull sena mwieżna ndaqs u jkun ikklassifikat kif ġej:

Kategorija I
Kategorija IIA
Kategorija IIB
Kategorija III."